**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : XLVIII**
**Appell Nru: 24/2001**

**Il-Pulizija (Spettur Neville Aquilina)**

**Vs**

**LONGINU AQUILINA**

**Illum, 14 ta'Mejju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Longinu Aquilina talli fis-7 ta'Jannar, 2000, u fl-ahhar xhur qabel din id-data :

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza Dwar Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta'Malta) meta ma kienx fil-pussess ta'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li joffri d-droga msemmija w meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta'Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati, u bi ksur ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu;
2. Ikkommetta dan ir-reat fi/jew gewwa distanza ta'mitt metru mill-perimetru ta' skola, centru taz-zaghzagh jew centru iehor, jew centru iehor fejn jiltaqghu z-zaghzagh, bi ksur ta' l-Artikolu 22 (2) ta' l-Ordinanza msemmija;
3. Sar recidiv b'sentenza li saret definttiva tad-9 ta'Marzu, 1999.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali fil-25 ta'Jannar, 2001, li biha sabet lill-Longinu Aquilina hati ta' dawn l-akkuzi kollha dedotti kontrih u kkundannatu ghall-ghoxrin (20) xahar ta'prigunerija w multa ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300).

Rat ir-rikors t'appell ta'Longinu Aquilina datat 6 ta'Frar, 2001, li bih talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn

sabitu hati ta'pussess semplici ta' droga (l-ewwel akkuza) u li huwa recidiv (it-tielet akkkuza), ma ssibux hati ta'pussess tad-droga msemmija bl-aggravju li kellu din id-droga f'tali cirkostanzi li juru li din ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu, kif ukoll ma ssibux hati li dan ir-reat sar gewwa distanza msemmija fit-tieni proviso ta' l-Artikolu 22 (2) tal-Kap. 101, u konsegwentement tvarja u timmodifika l-istess sentenza appellata fil-parti dwar il-piena.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi l-ewwel aggravju ta' l-appellant bazikament hu li l-ewwel Qorti kienet ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi b'mod li in bazi ta' dawk il-provi hi ma setghetx legalment u ragjonevolment issib htija fih ta'pussess tad-droga eroina f'cirkostanzi li juru li din ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu. Skond l-appellant, il-provi kienu iwasslu biss biex hu jinstab hati tal-pussess semplici ta' din id-droga minghajr ic-cirkostanza aggravanti msemmija.

It-tieni aggravju ta' l-appellant huwa b'xi mod konness ma' l-ewwel aggravju kif interpost minnu. Hu jghid li anke jekk jinstab hati skond l-ewwel akkuza, u cioe' li kellu d-droga eroina f'cirkostanzi li kienu juru li din ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu, xorta ma setghax jinstab hati tat-tieni akkuza, dik li tohrog mit-tieni proviso ta' l-Artikolu 22 (2) tal-Kap. 101, liema proviso jittratta dwar l-aggravju tad-distanza u dan peress li, skond hu, id-Detox Centre fejn hu kien instab li kellu id-droga eroina fuqu, ma jiffigurax bhala wiehed mill-postijiet msemmija f'dan il-proviso.

Waqt it-trattazzjoni verbali ta' dan l-aggravju, l-avukat difensur ta' l-appellant kompla elabora billi sostna li gja' la darba l-appellant ma kellux jinstab hati ta'pussess tad-droga eroina bic-cirkostanza aggravanti li din ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu, izda kellu jinstab hati ta'pussess semplici biss, allura jsegwi, kemm logikament u legalment, li hu ma jistghax jinstab hati tat-tieni akkuza li tapplika biss meta si tratta ta'traffikar ta'droga f'distanza ta' 100 metru mill-perimetru ta' skola, centru taz-zaghzagh, jew centru iehor fejn jiltaqghu z-zaghzagh. Hawnhekk l-appellant qed jghid li r-reat ta'pussess semplici biss ta'droga jeskludi kompletament l-aggravju tad-distanza kontemplat fit-tieni proviso ta' l-Artikolu 22 (2) tal-Kap. 10, kif fil-fatt hekk hu bhala principju legali.

Illi ghalhekk dwar l-ewwel aggravju ta' l-appellant, hawnhekk din hija kwistjoni purament ta' apprezzament tal-provi. Din il-Qorti trid tara jekk l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti kienx tali li in bazi ta'dawk il-provi dik il-Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal sabiex issib htija fl-appellant ta'pussess tad-droga eroina f'cirkostanzi li kienu juru li din ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu. Kif dejjem inghad, il-funzjoni ta' din il-Qorti hija wahda

purament ta'revizjoni. Mhiex il-funzjoni ta' din il-Qorti li tirrimpjazza l-apprezzament tal-provi li necessarjament tghamel hi ghal dak li jkun sar mill-ewwel Qorti. Dan japplika aktar u aktar meta, bhal fil-kaz prezenti, il-provi jinsabu traskritti fl-atti, u, ghalhekk, l-ewwel Qorti kienet f'posizzjoni ferm aktar vantagguza jew favorevoli minn din il-Qorti sabiex tul medda ta' zmien tisma lix-xhieda kollha 'viva voce' u tghamel l-apprezzament taghhom skond il-kriterji moghtija mill-ligi. Din il-Qorti eccezzjonalment tasal sabiex tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti w titbieghed mill-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet dik il-Qorti. Dan tghamlu biss meta jirrizultalha b'mod manifest li dak l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti kien wiehed kjarament zbaljat, jew fejn l-ewwel Qorti kienet interpretat b'mod skorrett xi punt ta'ligi, cirkostanzi dawn li jikkonvincu din il-Qorti li l-ewwel Qorti qatt ma setghet ragjonevolment tasal sabiex issib htija fl-appellant in bazi tal-provi li hemm fl-atti.

Issa minn ezami tal-provi li ghamlet din il-Qorti sabiex taqdi din il-funzjoni taghha appena msemmija, hi ma ssib l-ebda raguni ghaliex ghandha b'xi mod tvarja dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti fuq l-ewwel akkuza. L-ewwel Qorti semmiet fis-sentenza taghha c-cirkostanzi li, skond hi, wassluha ghal dak il-konvinciment morali rikjest mil-ligi biex issib li l-pussess tad-droga eroina mill-appellant fil-gurnata in kwistjoni kien akkompanjat bl-aggravju ta' l-intenzjoni ta'traffikar ta' l-istess droga. L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzzjoni in bazi ta' l-apprezzament tal-provi li ghamlet, u din il-Qorti ma ssib xejn hazin f'dan l-ezercizzju maghmul minnha. Ma hemm ebda raguni valida legalment, ghalhekk, sabiex tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'dan ir-rigward u taqbel pjenament mal-konkluzzjoni taghha riferibbilment ghall-ewwel akkuza. Ghalhekk l-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa respint.

Dwar it-tieni aggravju tieghu, dak li jirreferi ghad-distanza fejn hu nstab li kellu d-droga eroina fil-pussess tieghu taht cirkostanzi li juru li din ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu, hawnhekk l-appellant qed jissottometti li dan il-post in kwistjoni, li kien id-Detox Centre fejn hu kien imur sabiex jiehu il-medicina bhala parti mill-kura kontra l-vizzju tad-droga, mhux wiehed minn dawk il-postijiet imsemmija fit-tieni proviso ta' l-Artikolu 22 (2) tal-Kap. 101, u, ghalhekk, dan l-aggravju hawnhekk ma japplikax.

Dan il-proviso jghid li l-piena ghar-reat bhal dak li l-appellant instab hati tieghu taht l-ewwel akkuza tizdied bi grad jekk ir-reat ikun sar "*fi, jew gewwa distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zaghzagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zaghzagh*."

B'din id-disposizzjoni l-legislatur kjarament ried jipprotegi diversi kategoriji ta'persuni. Din il-Qorti mhiex sejra tipprova, u tghamel hazin jekk tipprova, telenka l-postijiet kollha frekwentati miz-zaghzagh. Jibqa' dejjem fid-diskrezzjoni tal-Qorti ghalhekk sabiex tkun hi li tiddetermina, f'xi kaz partikolari, jekk post huwiex wiehed minn dawk li l-legislatur qed jimmira ghalih propju bil-hsieb li jipprotegi z-zaghzagh mill-hsara tad-drogi. L-intenzjoni cara tal-legislatur f'din id-disposizzjoni hi li tali persuni jigu protetti milli jigu avvicinati direttament ghall-finijiet ta'bejgh, provvista jew amministrazzjoni ta'droga. Dan hu ghalhekk il-kriterju li trid tuza l-Qorti meta

tigi biex tiddeciedi jekk post partikolari, bhal ma hu id-Detox Centre f'dawn il-proceduri, jaqghax ukoll taht il-lokalitajiet imsemmija f'dan it-tieni proviso ta' l-Artikolu 22 (2) tal-Kap. 101.

Skond l-appellant, id-Detox Centre ma jaqa' fl-ebda wahda minn dawn il-lokalitajiet. Din hija kwistjoni purament ta' interpretazzjoni, tenut kont dejjem ta' dak li l-Qorti ghada kif qalghet fil-paragrafu precedenti.

Hu veru li l-iskop ta' dan id-Detox Centre hu sabiex hemmhekk jmur kull min ghandu bzonn xi forma ta' medicina jew kura kontra l-abbuz tad-droga. Hu ben saput li f'dan il-post, ta' kulljum, f'diversi hinijiet tal-gurnata, ikun hemm numru ta'persuni, fosthom zaghzagh, li jiltaqghu jew jmorru hemmhekk ghal dan l-iskop. Hu f'dan is-sens ghalhekk li l-Qorti tara li dan ic-centru jaqa' taht dan id-dispost, ghaliex tabilhaqq id-Detox Centre huwa post fejn normalment jiltaqghu z-zaghzagh fl-isforzi taghhom biex jfiequ mill-vizzju tad-droga. Veru li mhux xi club jew kazin jew bar fejn zaghzagh jiltaqghu sabiex jikkreaw ruhhom. Izda, mill-banda l-ohra, dan ic-centru huwa indubjament post fejn ikun hemm numru ta' zaghzagh ghal skop ta'fejqan u hija sitwazzjoni ferm gravi w preokkupanti li dawn isibu min jipprova jaghtihom d-droga fil-vicinanzi ta' dan c-centru. Dan huwa post ben maghruf mit-traffikanti tad-droga li jafu li hemmhekk ikun hemm numru sabih ta'persuni jew zaghzagh li facilment jistghu jaqghu vittmi taghhom f'dawk ic-cirkostanzi appena johorgu minn dak il-post. Hu propju ghalhekk li l-Qorti thoss li hu indispensabbli li dawn il-persuni li jiffrekwentaw id-Detox Centre ghall-skopijiet ta'fejqan mill-vizzju tad-droga jigu protetti bis-sahha ta' dan il-proviso. Alla hares ma jkunx hekk ghaliex altrimenti jkun verament il-kaz tan-naghag f'halq il-lupu. Ghal dawn ir-ragunijiet dan it-tieni aggravju ta' l-appellant qed jigi respint ukoll.

Ghall-motivi premessi, il-Qorti, ghalhekk, qed tichad l-appell ta'Longinu Aquilina w tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur